

Brussell, 15 ta' Settembru 2023
(OR. en)

12680/23

Fajls Interistituzzjonali:
2023/0225(NLE)
2023/0224(NLE)

JAI 1114
FRONT 270
VISA 185
SIRIS 79

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Nru dok. Cion:	11754/23+ADD1,11756/23+ADD1
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar regoli supplementari fir-rigward tal-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u għall-Viżi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri għall-perjodu 2021 sa 2027 - Adozzjoni Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar regoli supplementari fir-rigward tal-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri għall-perjodu 2021 sa 2027 - Talba għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew

1. Fil-21 ta' Frar 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mal-Iżlanda, ir-Renju tan-Norveġja, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein bil-ħsieb li jiġu konklużi ftehimiet bejn l-Unjoni Ewropea u dawk il-pajjiżi dwar regoli supplementari fir-rigward tal-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u għall-Viżi (BMVI), bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, kif ukoll direttivi ta' negozjati.

2. L-għan tal-ftehim huwa li jistipula l-kontribuzzjoni mir-Renju tan-Norveġja għall-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u għall-Viżi għall-perjodu 2021-2027 u dwar ir-regoli supplimentari meħtieġa għal din il-parteċipazzjoni.
3. In-negozjati ġew iffinalizzati b'suċċess mill-Kummissjoni u min-Norveġja. Fl-10 ta' Lulju 2023, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar regoli supplementari fir-rigward tal-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u għall-Viżi (BMVI), bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, u proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim¹. Id-delegazzjonijiet ikkonfermaw il-qbil tagħhom dwar il-proposti f'laqgħa tal-Kunsillieri ĠAI (Fruntieri) fl-24 ta' Lulju 2023.
4. Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li fihom l-Irlanda ma tiġiex sehem, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE²; għalhekk l-Irlanda mhix qed tiegħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhix marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.
5. F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tiegħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.
6. Jenħtieġ li l-Ftehim jiġi ffirmat.

¹ 11754/23 + ADD 1 u 11756 + ADD 1.

² Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda biex tiegħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20).

7. Għaldaqstant, huwa ssuġġerit li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jirrakkomanda li l-Kunsill, f'sessjoni li jmiss:
- a) jadotta, b'ħala punt "A", id-Deċiżjoni li tawtorizza l-iffirmar tal-Ftehim. It-testi tad-Deċiżjoni tal-Ftehim, wara l-finalizzazzjoni mill-ġuristi-lingwisti, jinsabu fid-dokumenti 12127/23 u 12128/23, rispettivament;
 - b) jiddeċiedi li t-test tad-Deċiżjoni msemmija hawn fuq jiġi ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali;
 - c) jiddeċiedi li l-abbozz ta' Deċiżjoni dwar il-konklużjoni tal-Ftehim, kif jinsab iffinalizzat mill-ġuristi lingwisti fid-dokument 12129/23, jintbagħat lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tiegħu.
8. Il-Parlament Ewropew ser jiġi mgħarraf f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE u d-deċiżjoni dwar l-iffirmar ser tintbagħat lill-PE.
-